# IL-QORTI ĠENERALI

## Elezzjoni tal-President tal-Qorti Ġenerali

(2013/C 313/02)

Fil-laqgħa tas-16 ta' Settembru 2013, l-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali eleġġew, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tar-Regoli tal-Proċedura, lill-Imħallef M. Jaeger bħala President tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu mis-16 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2016.

---

## Elezzjoni tal-Viċi-President tal-Qorti Ġenerali

(2013/C 313/03)

Fil-laqgħa tas-17 ta' Settembru 2013, l-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali eleġġew, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9A tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-istess protokoll, lill-Imħallef H. Kanninen bħala Viċi-President tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu mis-17 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2016.

---

## Elezzjonijiet tal-Presidenti tal-awli

(2013/C 313/04)

Fit-18 ta' Settembru 2013, il-Qorti Ġenerali, skont l-Artikolu 15 tar-Regoli tal-Proċedura, eleġġiet lil M. Martins Ribeiro, S. Papasavvas, M. Prek, A. Dittrich, S. Frimodt Nielsen, M. van der Woude, D. Gratsias u G. Berardis, bħala Presidenti tal-awli komposti minn ħames imħallfin u tal-awli komposti minn tliet imħallfin għall-perijodu mit-18 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2016.

---

## Assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli

(2013/C 313/05)

Fis-17 ta' Settembru 2013, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tikkostitwixxi fi ħdanha disgħa Awli komposti minn ħames Imħallfin u disgħa Awli komposti minn tliet Imħallfin għall-perijodu mis-17 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2016 u, fit-23 ta' Settembru 2013, li tassenja lill-Imħallfin għall-perijodu mit-23 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2016 kif ġej:

***L-Ewwel Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin***:

H. Kanninen, Viċi-President, I. Pelikánová, K. Jürimäe, E. Buttigieg u S. Gervasoni, Imħallfin.

***L-Ewwel Awla, komposta minn tliet Imħallfin***:

H. Kanninen, Viċi-President;
I. Pelikánová, Imħallef;
E. Buttigieg, Imħallef.